**Il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010**

# Strateġija ġdida għall-Afganistan

P7_TA(2010)0490

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2010 dwar strateġija ġdida għall-Afganistan (2009/2217(INI))**

(2012/C 169 E/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Afganistan, partikularment fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-8 ta' Lulju 2008 dwar l-istabilizzar tal-Afganistan ([1]), tal-15 ta' Jannar 2009 dwar il-kontroll baġitarju tal-fondi tal-UE fl-Afganistan ([2]), u tal-24 ta' April 2009 dwar id-drittijiet tan-nisa fl-Afganistan ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni politika konġunta bejn l-UE u l-Afganistan iffirmata fis-16 ta' Novembru 2005, li hija bbażata fuq prijoritajiet kondiviżi għall-Afganistan bħalma huma t-twaqqif ta' istituzzjonijiet b'saħħithom u responsabbli, ir-riforma fis-setturi tas-sigurtà u l-ġustizzja, il-ġlieda kontra n-narkotiċi, l-iżvilupp u r-rikostruzzjoni,

— wara li kkunsidra l-Patt dwar l-Afganistan 2006, li stabbilixxa t-tliet oqsma tal-attività tal-Gvern Afgan għall-ħames snin li ġejjin: is-sigurtà; il-governanza, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, kif ukoll impenn għall-eliminazzjoni tal-industrija tan-narkotiċi,

— wara li kkunsidra l-Konferenza ta' Londra dwar l-Afganistan li saret f'Jannar 2010, fejn il-komunità internazzjonali ġeddet l-impenn tagħha għall-Afganistan, u stabbiliet il-fondazzjonijiet tagħha għall-kunsens internazzjonali dwar strateġija li tinvolvi soluzzjoni "mhux militari" għall-kriżijiet Afgani, kif ukoll stabbiliet li t-trasferiment tar-responsabilitajiet tas-sigurità għall-forzi Afgani jibdew fl-2011 u fil-parti l-kbira jkunu lesti sal-2014,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1890 (2009) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li testendi l-awtorizzazzjoni tal-Forza ta' Assistenza għas-Sigurtà Internazzjonali (ISAF) fl-Afganistan skont il-Kapitlu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, kif iddefinita fir-Riżoluzzjoni 1386 (2001) u 1510 (2003), għal perjodu ta' 12-il xahar mit-13 t' Ottubru 2009, u li jistieden lill-istati membri tan-Nazzjonijiet Uniti li qed jipparteċipaw fl-ISAF "biex jiħdu l-miżuri kollha meħtieġa ħalli jitwettaq il-mandat tagħha",

— wara li kkunsidra l-proposta tal-"Fond Fiduċjarju għall-Paċi u l-Integrazzjoni mill-Ġdid" li ġie propost, li għalih il-parteċipanti tal-Konferenza ta' Londra wiegħdu somma inizjali ta' USD 140 miljun, bil-għan li jintegraw it-Talibani u ribelli oħrajn,

— wara li kkunsidra l-Jirga tal-Paċi Konsultattiva Nazzjonali tal-Afganistan f'Kabul fil-bidu ta' Ġunju 2010, li twaqqfet biex jinstab kunsens nazzjonali dwar il-kwistjoni tar-rikonċiljazzjoni mal-għedewwa,

— wara li kkunsidra l-Konferenza ta' Kabul tal-20 ta' Lulju 2010, li evalwat il-progress tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet meħuda matul il-Konferenza ta' Londra, u li fethet l-opportunità għall-Gvern Afgan biex juri t-tmexxija u s-sjieda tal-proċess, bil-kooperazzjoni tal-komunità internazzjonali, fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-forzi Afgani tas-sigurtà u t-titjib tal-governanza tajba u l-istat tad-dritt, u biex titfassal it-triq 'il quddiem, inkluż fir-rigward tal-ġlieda kontra l-produzzjoni u t-traffikar tad-droga u l-korruzzjoni, u dwar il-paċi u s-sigurtà, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi; wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Konferenza ta' Kabul li tistabbilixxi t-trasferiment tad-direzzjoni tal-operazzjonijiet militari għall-forzi Afgani fil-provinċji kollha minn issa sa tmiem l-2014,

([1]) ĠU C 294 E, 3.12.2009, p. 11.
([2]) ĠU C 46 E, 24.2.2010, p. 87.
([3]) ĠU C 184 E, 8.7.2010, p. 57.

— wara li kkunsidra d-digriet presidenzjali tas-17 ta' Awwissu 2010, li stabbilixxa erba' xhur żmien biex kumpaniji privati tas-sigurtà preżenti fl-Afganistan ixolju, b'eċċezzjoni għal impriżi privati tas-sigurtà li jaħdmu fi kwartieri użati minn ambaxxati barranin, negozji u NGOs,

— wara li kkunsidra l-elezzjonijiet presidenzjali li saru fl-Afganistan f'Awwissu 2009, ir-rapport kritiku finali tal-Missjoni ta' Osservazzjoni tal-elezzjonijiet tal-UE ppubblikat f'Diċembru 2009, u l-elezzjonijiet parlamentari li saru fit-18 ta' Settembru 2010,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill, u partikularment il-Konklużjonijiet tal-GAERC tas-27 ta' Ottubru 2009 u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill għat-Tisħiħ tal-Impenn fl-Afganistan u l-Pakistan, u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Barranin tat-22 ta' Marzu 2010,

— wara li kkunsidra l-ħatra, mill-1 ta' April 2010, ta' Rappreżentant Speċjali tal-UE/Kap tad-Delegazzjoni tal-UE għall-Afganistan "b'funzjoni doppja", u wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Awwissu 2010 li ttawwal il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali Vygaudas Usackas sal-31 ta' Awwissu 2011,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Mejju 2010 li testendi l-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL Afganistan) għal tliet snin, mill-31 ta' Mejju 2010 sal-31 ta' Mejju 2013,

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Strateġija tal-Pajjiż għall-2007-2013 li jistabbilixxi l-impenn tal-Kummissjoni għall-Afganistan sal-2013,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010,

— wara li kkunsidra r-Rapport 2009 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Uman, li jikklassifika l-Afganistan fil-181 post minn 182 pajjiż,

— wara li kkunsidra l-Evalwazzjoni 2007-2008 tar-Riskju u l-Vulnerabilità Nazzjonali tal-Afganistan stess u l-estimi tiegħu rigward l-ispiża għall-eliminazzjoni tal-faqar fl-Afganistan, billi dawk li qegħdin taħt il-limitu tar-riskju tal-faqar jiġu megħjuna b'tali mod li jilħqu l-livell tal-limitu, se tkun ta' madwar USD 570 miljun,

— wara li kkunsidra r-rapport 2008 mill-Aġenzija li Tikkoordina l-Għajnuna għall-Afganistan (ACBAR), "Tnaqqis fl-Effikaċità tal-Għajnuna fl-Afganistan", li jisħaq fuq l-ammont kbir ta' għajnuna li jispiċċa bħala profitt tal-kumpaniji għall-kuntratturi (sa 50 % għal kull kuntratt), in-nuqqas ta' trasparenza fl-akkwisti u l-proċess ta' sejħiet għall-offerti, u l-ispejjeż kbar tas-salarji u l-benefiċċji tal-espatrijati,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Missjoni ta' Assistenza tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Afganistan (UNAMA) dwar il-Protezzjoni taċ-Ċivili fil-Konflitti Armati ta' Awwissu 2010,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-"Peace Divident Trust", li jiddefendi politika ta' "l-Afganistan l-ewwel", li tinkoraġġixxi l-akkwist Afgan lokali ta' prodotti u servizzi, u mhux l-importazzjoni tagħhom, bil-għan li l-Afgani jibbenefikaw l-ewwel u qabel kollox,

— wara li kkunsidra l-istrateġija tan-NATO/l-ISAF kontra r-ribelljoni għall-Afganistan u l-implimentazzjoni tagħha taħt il-kmand tal-Ġeneral David Petraeus, u l-istrateġija ta' rieżami mħabbra mill-President Obama għal Diċembru 2010,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Istaff tal-Maġġoranza tal-Kungress tal-Istati Uniti bl-isem "Warlord Inc: Extortion and Corruption Along the US Supply Chain in Afghanistan" (Kumitat għas-Sorveljanza u r-Riforma Governattiva, Kamra tar-Rappreżentanti tal-Istati Uniti, Ġunju 2010),

— wara li kkunsidra x-xogħol tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC) u, partikularment, ir-rapport tiegħu ta' Ottubru dwar 'Id-Dipendenza, il-Kriminalità u r-Ribelljoni – it-theddida tranżnazzjonali tal-oppju Afgan, kif ukoll ir-Rapport Dinji tiegħu dwar id-drogi tal-2010,

**Il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Affarrijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0333/2010),

A. billi l-komunità internazzjonali rriaffermat kemm-il darba l-appoġġ tagħha għar-riżoluzzjonijiet relevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li jappoġġaw is-sigurtà, il-prosperità u d-drittijiet tal-bniedem taċ-ċittadini Afgani kollha; billi, madankollu, il-komunità internazzjonali rrikonoxxiet impliċitament li d-disa' snin ta' gwerra u l-involviment internazzjonali ma rnexxilhomx jeliminaw ir-ribeljoni Talibana kif ukoll ma wasslux għall-paċi u għall-istabilità fil-pajjiż; u billi l-politika l-ġdida kontra r-ribelljoni ġiet introdotta mill-2009 u madwar 45 000 suldat intbagħtu bħala rinforzi,

B. billi m'hemm ebda tmiem evidenti previst fl-Afganistan, bil-koalizzjoni tas-setgħat internazzjonali okkupanti li ma tistax tegħleb lit-Talibani u lir-ribelli l-oħra, u moviment ta' ribelli u Talibani li ma jistax jirbaħ kontra dawn il-forzi militari u billi ma jidhirx li dan l-impass se jintemm,

C. billi, fl-2009, il-Ġeneral Stanley McChrystal qal li huwa ma kienx qed jara li kien hemm indikazzjonijiet ta' xi preżenza kbira ta' Al-Qaeda fl-Afganistan, u uffiċjali għoljin Amerikani jikkonfermaw li Al-Qaeda bilkemm tinstab fl-Afganistan,

D. billi l-kondizzjonijiet tas-sigurtà u tal-għajxien iddeterjoraw, flimkien mal-kunsens popolari li l-preżenza tal-koalizzjoni kienet tgawdi f'ċertu stadju, u billi l-koalizzjoni aktar u aktar qiegħda tinħass mill-popolazzjoni bħala setgħa ta' okkupazzjoni; billi hija meħtieġa sħubija ġdida u aktar wiesgħa mal-poplu tal-Afganistan, li tinvolvi gruppi mhux rappreżentati u s-soċjetà ċivili fi sforzi għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni,

E. billi l-UE hija waħda mid-donaturi ewlenin tal-għajnuna għall-iżvilupp u għajnuna umanitarja lill-Afganistan; billi hija sieħba impenjata fl-isforzi ta' rikostruzzjoni u stabilizzazzjoni,

F. billi skont il-Patt dwar l-Afganistan 2006 u matul il-Konferenza ta' Kabul, id-donaturi ftiehmu li jwasslu proporzjon akbar tal-għajnuna tagħhom, sa 50 %, permezz tal-baġit ewlieni tal-gvern, direttament jew permezz ta' mekkaniżmi ta' fondi fiduċjarji, meta jkun possibbli, iżda billi 20 % biss tal-għajnuna għall-iżvilupp qed tiġi mgħoddija bħalissa mill-baġit tal-gvern,

G. billi n-nuqqas ta' koordinazzjoni meħtieġa qed iddgħajjef l-effikaċja tal-kontribuzzjonijiet tal-għajnuna tal-UE lill-Afganistan,

H. billi bejn l-2002 u l-2009 somma ta' aktar minn USD 40 biljun f'għajnuna internazzjonali ġiet mogħtija lill-Afganistan; billi l-għadd ta' tfal li jmorru l-iskola kiber matul dan il-perjodu iżda billi, skont l-estimi tal-UNICEF, 59 % tat-tfal taħt il-ħames snin fl-Afganistan għadhom ma jingħatawx biżżejjed ikel, u ħames miljun tifel u tifla ma jistgħux imorru l-iskola,

I. billi s-sitwazzjoni tan-nisa fil-pajjiż tibqa' kwistjoni ta' tħassib kbir; billi, skont rapporti tan-Nazzjonijiet Uniti, ir-rata tal-mewt tal-ommijiet fl-Afganistan hija t-tieni l-ogħla waħda fid-dinja, bi kważi 25 000 mewt fis-sena, u billi 12.6 % biss tan-nisa ta' 'l fuq minn 15-il sena kapaċi jaqraw u jiktbu, u 57 % tal-bniet jiġu mġiegħla jiżżewġu taħt l-età legali ta' 16-il sena; billi l-vjolenza kontra n-nisa qed tkompli tkun fenomenu mifrux; billi l-Liġi Shia dwar l-Istatus Personali, li hi diskriminatorja, għadha fis-seħħ u, fost punti oħra, tinkrimina n-nisa talli jċaħħdu lil żwieġhom mill-att sesswali u ma tħallix in-nisa jitilqu mid-dar mingħajr il-kunsens ta' żewġhom,

J. billi l-Afganistan jieħu sehem f'diversi konvenzjonijiet internazzjonali biex jipproteġu d-drittijiet tan-nisa u tat-tfal, partikularment il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa tal-1979 u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989, u billi l-Kostituzzjoni Afgana, b'mod partikolari l-Artikolu 22 tagħha, tistipula li "iċ-ċittadini tal-Afganistan, irġiel u nisa, quddiem il-liġi għandhom indaqs drittijiet u dmirijiet"; billi l-Kodiċi tal-Familja Afgana qed issirlu reviżjoni issa sabiex jiġi armonizzat mal-Kostituzzjoni,

K. billi f'Lulju tal-2010 l-Kungress tal-Istati Uniti talab verifika tal-kontijiet dwar il-biljuni ta' dollari ta' ffinanzjar tal-passat għall-Afganistan u vvota biex jaqta' proviżorjament kważi USD 4 biljun f'għajnuna lill-Gvern tal-Afganistan,

L. billi l-Ministru tal-Finanzi tal-Afganistan Omar Zakhilwal ikkritika, l-ewwel, il-prattiki kuntrattwali tan-NATO/l-ISAF talli l-ekonomija lokali Afgana ma bbenefikatx u, it-tieni, l-interpretazzjoni unilaterali tal-ISAF tar-regoli dwar il-provizjonijiet bla taxxi fil-ftehim bejn l-ISAF u l-Gvern Afgan, u billi l-Ministru ta tort lill-kuntratturi barranin li ħadu l-maġġoranza tal-kuntratti ffinanzjati mill-ISAF li jammontaw għal USD 4 biljun u li ġew irrappurtati li kienu l-ħtija ta' ħruġ kostanti ta' flus mill-pajjiż; billi l-Gvern Afgan qed jitlob li ssir investigazzjoni internazzjonali,

M. billi ma jidhirx li soluzzjoni militari hija possibbli fl-Afganistan, u billi l-Istati Uniti kienet stqarret li se tibda tirtira t-truppi tagħha mill-Afganistan fis-sajf tal-2011, u pajjiżi oħra diġà rtiraw jew qed jagħmlu l-pjanijiet biex jirtiraw, u oħrajn għadhom ma tawx indikazzjoni dwar l-intenzjoni tagħhom li jirtiraw; billi, madankollu, l-irtirar militari irid isir bi proċess gradwali u koordinat fil-qafas ta' proġett politiku li jiggarantixxi tranżizzjoni ta' responsabilità bla ebda diffikultà lill-forzi tas-sigurtà Afgani,

N. billi billi l-Konferenza ta' Kabul stipulat li l-Armata Nazzjonali Afgana għandha tilħaq qawwa ta' 171 600 persunal u dik tal-Pulizija Nazzjonali Afgana ta' 134 000 sa Ottubru 2011, bl-għajnuna finanzjarja u teknika meħtieġa mill-komunità internazzjonali,

O. billi l-għan ewlieni tal-missjoni fl-Afganistan tal-EUPOL huwa li jikkontribwixxi għat-twaqqif ta' sistema tal-pulizija Afgana b'konformità mal-istandards internazzjonali,

P. billi l-Afganistan mhux biss huwa s-sors ewlieni tad-dinja għall-produzzjoni tal-oppju, u l-fornitur ewlieni tas-swieq tal-eroina fl-UE u l-Federazzjoni Russa, iżda wkoll wieħed mill-produtturi ewlenin tal-kannabis, skont rapport reċenti mill-UNODC; billi, madankollu, il-produzzjoni tal-opium fl-Afganistan waqgħet bi 23 % fl-aħħar sentejn u b'terz matul l-ogħla produzzjoni tiegħu fl-2007; billi l-UNODC stabbilixxa li hemm korrelazzjoni ċara bejn il-kultivazzjoni tal-oppju u t-territorji fejn hemm ir-ribelljoni fil-kontroll u li f'dawk il-partijiet tal-Afganistan fejn il-Gvern huwa aktar kapaċi jinforza l-liġi, kważi żewġ terzi tal-bdiewa qalu li huma ma jkabbrux oppju għaliex huwa projbit – filwaqt li fix-Xlokk, fejn il-kontroll min-naħa tal-awtorità huwa aktar dgħajjef, ftit anqas minn 40 % tal-bdiewa kkwotaw il-projbizzjoni bħala raġuni għalfejn ma jikkultivawx il-peprina,

Q. billi, skont rapport reċenti mill-UNODC, in-numru ta' ċittadini Afgani dipendenti fuq id-droga żdied ħafna f'dawn l-aħħar snin, xejra li se jkollha riperkussjonijiet soċjali kbar għall-futur tal-pajjiż,

R. billi l-UE għandha rwol attiv fl-appoġġ tal-isforzi kontra n-narkotiċi mill-bidu tal-proċess ta' rikostruzzjoni mingħajr ma rnexxielha s'issa twaqqaf effettivament lill-industrija tad-droga milli tinfed l-ekonomija, is-sistema politika, l-istituzzjonijiet statali u s-soċjetà,

S. billi xi eradikazzjoni tal-peprin fl-Afganistan saret permezz tal-użu ta' erbiċida kimika, u billi din il-prattika twassal għal dannu serju għall-persuni u għall-ambjent f'termini ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma; billi, madankollu, issa hemm konsensus dwar il-bżonn biex jikkonċentraw miżuri ripressivi fuq il-kummerċ tad-droga u laboratorji li jipproduċu l-eroina, u mhux fuq il-bdiewa; billi l-isforz ewlieni attwalment huwa ffukat fuq l-għoti ta' għejxien alternattiv lill-bdiewa,

T. billi l-Afganistan għandu riżorsi naturali mill-aqwa, inklużi riżervi minerali rikki, bħall-gass u ż-żejt, li huwa stmat b'valur ta' USD 3 triljun, u billi l-Gvern Afgan qed iserraħ fuq dawn ir-riżorsi biex jixpruna l-iżvilupp ekonomiku wara li jiġu stabbiliti l-paċi u s-sigurtà fil-pajjiż,

*Strateġija ġdida tal-UE*

1. Huwa konxju dwar is-sett ta' fatturi li jfixklu l-progress fl-Afganistan iżda, minħabba l-limitazzjoni tal-ispazju, għażel li f'dan ir-rapport jiffoka fuq erba' oqsma ewlenin fejn, huwa jemmen, li żieda fl-isforzi f'dawn l-elementi jistgħu jwasslu għal titjib: għajnuna internazzjonali u koordinazzjoni; l-implikazzjonijiet fil-proċess tal-paċi; l-impatt fuq it-taħriġ tal-pulizija; u l-eliminazzjoni tal-kultivazzjoni tal-oppju permezz ta' żvilupp alternattiv;

2. Jesprimi appoġġ għall-kunċett ġdid ta' strateġija kontra r-ribelljoni, li għandha l-għan li tħares il-popolazzjoni lokali u l-bini mill-ġdid ta' żoni fejn is-sigurtà tagħhom ġiet assigurata, u appoġġ għall-Pjan ta' Azzjoni tal-UE lill-Afganistan u l-Pakistan;

3. Jemmen, għaldaqstant, li l-istrateġija tal-UE għall-Afganistan għandha tkun ibbażata, bħala punt tat-tluq, fuq żewġ premessi: rikonoxximent tad-deterjorazzjoni kontinwa fis-sigurtà u l-indikaturi soċjoekonomiċi fl-Afganistan minkejja kważi għaxar snin ta' involviment u investiment internazzjonali; u l-ħtieġa li tiġi mħeġġa aktar il-bidla profonda fl-attitudnijiet tal-komunità internazzjonali – li ta' spiss fil-passat, u partikularment qabel l-istrateġija kontra r-ribelljoni, iffurmaw il-pjanijiet u d-deċiżjonijiet mingħajr wisq kas għall-involviment Afgan – sabiex il-pjanijiet u d-deċiżjonijiet ġejjiena jsiru b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Afgani; jinnota li l-Konferenzi ta' Londra u ta' Kabul kienu pass importanti f'din id-direzzjoni;

4. Jilqa' u jappoġġa l-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2009, bl-isem “Insaħħu l-Azzjoni tal-UE fl-Afganistan u fil-Pakistan”, u li tagħti ħjiel ta' approċċ aktar koerenti u koordinat tal-UE lejn ir-reġjun u tenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni reġjonali u ta' aktar ffukkar fuq iċ-ċivili fil-politika għall-Afganistan;

5. Jenfasizza li kwalunkwe soluzzjoni fuq perjodu twil taż-żmien għall-kriżijiet tal-Afganistan għandha tibda mill-interessi taċ-ċittadini Afgani fis-sigurtà interna tagħhom, il-protezzjoni ċivili u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali u għandu jinkludi miżuri konkreti għall-eliminazzjoni tal-faqar, għan-nuqqas ta' żvilupp u diskriminazzjoni kontra n-nisa, għal titjib fir-rispett tad-drittijiet umani u l-istat tad-dritt, it-tisħiħ fil-mekkaniżmi tar-rikonċiljazzjoni, l-iżgurar tat-tmiem tal-produzzjoni tal-oppju, l-ingaġġ f'eżerċizzju b'saħħtu fil-kostruzzjoni tal-istat u l-integrazzjoni sħiħa tal-Afganistan fil-komunità internazzjonali, kif ukoll it-tkeċċija ta' Al-Qaeda mill-pajjiż;

6. Jilqa' l-konkluzjonijiet tal-Konferenza Internazzjonali ta' Kabul dwar l-Afganistan; jenfasizza li jeħtieġ jiġu rispettati l-impenji tal-Gvern Afgan biex itejjeb is-sigurtà, il-governanza u l-opportunità ekonomika għaċ-ċittadini Afgani, kif ukoll l-impenji tal-komunità internazzjonali biex tappoġġa l-proċess ta' tranżizzjoni u l-objettivi komuni;

7. Itenni li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jappoġġaw lill-Afganistan fil-kostruzzjoni mill-ġdid tal-istat tiegħu stess, b'istituzzjonijiet demokratiċi aktar b'saħħithom li jkunu kapaċi jiżguraw is-sovranità nazzjonali, is-sigurtà bbażata fuq armata u pulizija demokratikament responsabbli, l-unità tal-istat, l-integrità territorjali, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, il-libertà tal-midja, enfasi fuq l-edukazzjoni u s-saħħa, l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u l-prosperità tal-poplu tal-Afganistan, u r-rispett għat-tradizzjonijiet storiċi, reliġjużi, spiritwali u kulturali u d-drittijiet tal-komunitajiet etniċi u reliġjużi kollha fit-territorju Afgan, filwaqt li jiġi rrikonoxxut il-bżonn ta' tibdil fundamentali fl-attitudni lejn in-nisa; jitlob sabiex jingħata aktar appoġġ għall-proġetti ta' żvilupp tal-awtoritajiet lokali ta' dawk il-provinċji li għandhom evidenza ta' governanza tajba;

8. Jinnota li 80 % tal-popolazzjoni tgħix f'żoni rurali filwaqt li l-art li tista' tinħadem per capita naqset minn 0.55 ettari fl-1980 għall-0.25 ettari fl-2007; jenfasizza l-fatt li l-Afganistan għadu vulnerabbli ħafna għall-kundizzjonijiet ħżiena tal-klima u ż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel fis-suq dinji, filwaqt li l-firxa wiesgħa u l-użu indiskriminat tal-mini tal-art huma ta' theddida sinifikanti għas-suċċess tal-iżvilupp rurali; iqis f'dan il-kuntest li huwa ta' importanza primarja li jitkompla kif ukoll jittejjeb l-iffinanzjar immirat lejn l-iżvilupp rurali u l-produzzjoni tal-ikel lokali, biex tinkiseb is-sigurtà tal-ikel;

9. Jinnota l-impenn tal-Gvern Afgan biex jimplimenta matul it-12-il xahar li ġejjin, ftit ftit u b'mod fiskalment sostenibbli, il-Politika ta' Governanza Subnazzjonali, li ssaħħaħ l-awtoritajiet lokali u l-kapaċitajiet istituzzjonali tagħhom, u tiżviluppa oqfsa subnazzjonali regolatorji, finanzjarji u baġitarji;

10. Jinnota li involviment Afgan aktar sostanzjali fil-proċess ta' bini mill-ġdid jista' jiġi mfixkel minn amministrazzjoni pubblika u kapaċità tas-servizz ċivili dgħajfin; għalhekk hu konvint li jinħtieġ tingħata aktar attenzjoni lil dawn l-oqsma importanti; jilqa' l-idea li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ifasslu programm ta' gwida speċjali fuq perjodu ta' żmien twil biex jindirizza l-kwistjoni tat-tisħiħ tal-amministrazzjoni pubblika billi jiġi żviluppat kurrikulu, li jgħin jibni jew juża bini eżistenti, li jingħaqad man-netwerk tal-istituti tal-amministrazzjoni pubblika tal-UE, kif ukoll jiggwida istituti tas-servizz ċivili f'għadd ta' bliet metropolitani fl-Afganistan bħal Kabul, Herat u Mazar i Sharif;

11. Jinnota li l-isforzi għall-iżvilupp iridu jikkonċentraw fuq it-titjib tal-kapaċità tal-istrutturi governattivi Afgani u li l-Afgani jridu jkunu mdaħħla sew fl-għażla tal-prijoritajiet kif ukoll fil-fażijiet tal-implimentazzjoni sabiex jissaħħu l-proċess tas-sjieda u tar-responsabilità fil-livell nazzjonali u Komunitarju; jiġbed l-attenzjoni, għaldaqstant, għar-rwol essenzjali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiżguraw li ċ-ċittadini Afgani jkunu involuti fil-proċess tad-demokratizzazzjoni u r-rikostruzzjoni, u li jitħarsu mir-riskju tal-korruzzjoni;

12. Jibqa' mħasseb ħafna, minkejja xi titjib fil-ħajja tan-nisa mindu ntemmet il-ħakma Talibana fl-2001, dwar is-sitwazzjoni ġenerali rigward id-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan u partikularment dwar id-deterjorament tad-drittijiet fundamentali, politiċi, ċivili u soċjali tan-nisa f'dawn l-aħħar ftit snin, u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar żviluppi negattivi bħall-fatt li maġġoranza tal-priġunieri fil-ħabsijiet Afgani huma nisa li ħarbu minn qraba oppressivi, u dwar it-tibdiliet riċenti tal-kodiċi elettorali li jnaqqsu l-kwota ta' siġġijiet parlamentari għan-nisa;

13. Jemmen bis-sħiħ li d-drittijiet tan-nisa huma parti mis-soluzzjoni tas-sigurtà u li huwa impossibbli li tintlaħaq l-istabilità fl-Afganistan mingħajr ma n-nisa jkunu qed igawdu mid-drittijiet sħaħ tagħhom fil-ħajja politika, soċjali u ekonomika; jistieden għalhekk lill-awtoritajiet Afgani u lir-rappreżentanti tal-komunità internazzjonali biex jinkludu lin-nisa f'kull stadju tat-taħditiet ta' paċi u l-isforzi għar-rikonċiljazzjoni/riintegrazzjoni, skont ir-Riżoluzzjoni 1325 tal-UNSC; jitlob biex tingħata protezzjoni speċjali lin-nisa li huma attivi pubblikament jew politikament u għalhekk jinsabu fil-periklu minħabba l-fundamentalisti; jistqarr li l-progress fit-taħditiet ta' paċi fl-ebda każ ma jista' jinvolvi telf ta' drittijiet tan-nisa, liema drittijiet inkisbu f'dawn l-aħħar snin; jistieden lill-Gvern Afgan għal iktar protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa billi jemenda l-leġiżlazzjoni fis-seħħ, bħall-kodiċi kriminali, biex jiġu evitati prattiki diskriminatorji;

14. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri tal-UE biex ikomplu jqajmu l-kwistjoni tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa u t-tfal, u tad-drittijiet tal-bniedem b'mod ġenerali fir-relazzjonijiet bilaterali mal-Afganistan, skont l-impenn tal-Unjoni fuq perjodu ta' żmien twil biex jgħinu lill-Afganistan fl-isforzi għall-paċi u r-rikostruzzjoni;

15. Jistieden lill-UE u l-komunità internazzjonali biex iżżid il-livell tal-iffinanzjar u l-appoġġ politiku u tekniku għall-politiki biex titjieb is-sitwazzjoni tan-nisa Afgani u għall-organizzazzjonijiet tan-nisa, inklużi dawk li jiddefendu d-drittijiet tan-nisa;

16. Jinnota li, minkejja żviluppi mill-waqgħa tar-reġim Taliban, is-sitwazzjoni marret għall-agħar f'dawn l-aħħar snin fir-rigward tal-libertà tal-espressjoni u tal-istampa; jinnota l-attakki u t-theddidiet min-naħa ta' gruppi armati u Talibani fil-konfront tal-ġurnalisti biex jevitaw li dawn jirrappurtaw dwar iż-żoni li jinsabu taħt il-kontroll tagħhom; jitlob li jittieħdu miżuri f'dan il-qasam li jippermettu lill-ġurnalisti jeżerċitaw il-professjoni tagħhom b'ċerti garanziji ta' sigurtà;

17. Jinnota bi tħassib li l-elezzjonijiet parlamentari li saru fl-Afganistan fit-18 ta' Settembru 2010, bil-parteċipazzjoni ta' madwar 40 % minkejja l-kundizzjonijiet ta' sigurtà fil-pajjiż, kienu għal darb'oħra mċappsa bil-frodi u l-vjolenza, li matulhom, skont in-NATO, tilfu ħajjithom 25 ruħ; jiddispjaċih li ħafna Afgani ma tħallewx jeżerċitaw id-dritt fundamentali tagħhom biex jivvutaw;

18. Jinnota l-irregolaritajiet fil-proċeduri ġudizzjarji tal-pajjiż, li ma jikkonformawx mal-istandrads internazzjonali tal-ġustizzja; jiddispjaċih għall-eżekuzzjoni, fl-2008, ta' 16-il persuna kkundannati għall-mewt; jistieden lill-UE biex tfittex l-approvazzjoni ta' moratorju dwar il-piena tal-mewt, bi qbil mar-Riżoluzzjoni 62/149 tal-2007 tan-Nazzjonijiet Uniti, bil-għan tal-abolizzjoni sussegwenti tagħha;

**Il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010**

***L-għajnuna internazzjonali – l-użu u l-abbuż***

19. Ifakkar li l-baġit konġunt għall-għajnuna tal-UE (Komunità Ewropea u l-Istati Membri) għall-Afganistan għall-perjodu 2002-2010 kien ta' madwar EUR 8 biljun;

20. Jenfasizza l-importanza tat-tisħiħ tal-libertà tal-midja u s-soċjetà ċivili fl-Afganistan biex tissaħħaħ id-demokratizzazzjoni fil-pajjiż; jirrakkomanda wkoll il-konklużjonijiet tal-Missjoni ta' Osservazzjoni tal-Elezzjonijiet tal-UE tal-2009;

21. Jinnota li, minkejja d-dħul enormi ta' għajnuna finanzjarja, is-sitwazzjoni fl-Afganistan tibqa' tkun ta' qtigħ il-qalb, u tipprevieni l-għajnuna umanitarja u medika milli tasal fl-aktar sezzjonijiet vulnerabbli tal-popolazzjoni, u jinnota li aktar Afgani qed imutu minħabba l-faqar milli bħala riżultat dirett tal-konflitt bl-armi, u li ż-żieda fil-livell tal-mortalità tat-trabi mill-2002 hija skandaluża, filwaqt li l-għomor tal-ħajja mattwelid u l-livell tal-ħila fil-qari u l-kitba naqsu sewwa, u li mill-2004 n-numru ta' persuni li jgħixu taħt il-livell tal-faqar żdied b'130 %;

22. Jisħaq fuq l-importanza li jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u jisgħobbih dwar il-fatt li, minkejja li sar progress f'xi oqsma, il-klassifika tal-Afganistan fl-Indiċi tal-Iżvilupp Uman tal-UNDP niżlet mill-173 post fl-2003 għall-181 post (minn 182 pajjiż), filwaqt li r-rata tal-mewt fi tfal taħt il-5 snin u r-rata tal-mewt materna jibqgħu fost l-ogħla fid-dinja; iħeġġeġ li objettivi speċifiċi f'dawn l-oqsma, u dwar l-aċċess għas-saħħa u l-edukazzjoni, partikularment għan-nisa, ma għandhomx jiġu traskurati, iżda iħeġġeġ li tingħata attenzjoni partikolari għal titjib fil-ġenerazzjoni tad-dħul tal-flus u l-kostruzzjoni tas-sistema ġuridika li tiffunzjona;

23. Jenfasizza li l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC) jiżvela fl-istudju tiegħu ta' Jannar 2010 li l-korruzzjoni hija l-akbar tħassib tal-popolazzjoni u li d-dħul iġġenerat mit-tixħim jammonta għal kważi kwart (23 %) tal-PDG tal-Afganistan;

24. Jistieden lill-Kummissjoni biex tassigura t-trasparenza u l-kontabilità fir-rigward tal-għajnuna finanzjarja provduta lill-Gvern Afgan, lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-NGOs lokali sabiex jiġu assigurati l-koerenza tal-għajnuna u s-suċċess tar-rikostuzzjoni u l-iżvilupp tal-Afganistan;

25. Jitlob tqassim tal-għajnuna umanitarja li jkun ġeografikament iżjed omoġenju, ibbażat fuq analiżi tal-bżonnijiet u li jkun konformi mal-objettiv ta' emerġenza;

26. Jinnota, madankollu, il-progress limitat li sar fl-infrastruttura, it-telekomunikazzjonijiet, u l-edukazzjoni bażika – li normalment jiġu kwotati bħala kisbiet mid-donaturi u l-Gvern Afgan;

27. Jiġbed l-attenzjoni dwar l-ispejjeż kbar tal-gwerra li baqgħet għaddejja fl-Afganistan bejn l-2001 u l-2009, li hija stmata għal aktar minn USD 300 biljun u ekwivalenti għal aktar minn 20 darba l-PGD tal-Afganistan, u li bit-tbassir fiż-żieda ta' militari addizzjonali huma mistennija jiżdiedu b'aktar minn USD 50 biljun fis-sena;

28. Jirrikonoxxi l-firxa ta' perċezzjoni li l-korruzzjoni tal-Gvern Afgan hija responsabbli biss għan-nuqqas ta' dispożizzjoni ta' servizzi essenzjali għaċ-ċittadini tiegħu, iżda jinnota wkoll li l-maġġoranza tar-riżorsi għall-iżvilupp soċjoekonomiku għaddiet mill-organizzazzjonijiet internazzjonali, il-banek għall-iżvilupp reġjonali, kuntratturi internazzjonali, konsulenti, Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi, eċċ., u mhux mill-Gvern ċentrali; iħeġġeġ lill-gvern Afgan u lill-komunità internazzjonali biex jeżerċitaw kontroll akbar sabiex tiġi eliminata l-korruzzjoni u biex jiżgura li l-għajnuna tilħaq l-għan tagħha;

29. Iqis li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni għandha tkun fiċ-ċentru tal-proċess lejn il-bini ta' paċi fl-Afganistan, ladarba t-tixħim iwassal għall-allokazzjoni ħażina tar-riżorsi, jikkostitwixxi ostaklu f'termini tal-aċċess għas-servizzi pubbliċi bażiċi, bħalma huma s-saħħa u l-edukazzjoni, u jirrappreżenta impediment enormi għall-iżvilupp soċjoekonomiku tal-pajjiż; jenfasizza bl-istess mod li l-korruzzjoni tnaqqas il-fiduċja fis-settur pubbliku u fil-gvern, u tikkostitwixxi konsegwentement theddida kbira għall-istabilità nazzjonali; għaldaqstant, iħeġġeġ lill-UE biex meta tagħti għajnuna lill-Afganistan, tagħti attenzjoni speċjali lill-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

30. Jinnota li skont il-Ministru tal-Finanzi Afgan, kif ikkorroborat minn sorsi indipendenti oħra, USD 6 biljun biss (jew 15 %) minn total ta’ USD 40 biljun ta’ għajnuna waslet realment għand il-gvern Afgan bejn l-2002 u l-2009, u li l-bqija tal-USD 34 biljun li għaddew mill-organizzazzjonijiet internazzjonali, mill-bank għall-iżvilupp reġjonali, mill-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi, mill-kuntratturi internazzjonali, eċċ, bejn 70 % u 80 % qatt ma waslu għand il-benefiċjarji, il-poplu tal-Afganistan; jinnota d-deċiżjoni tal-konferenza ta’ Kabul li tipprevedi t-trasferiment ta’ 50 % tal-għajnuna internazzjonali permezz tal-baġit nazzjonali Afgan minn issa sal-2012, bi qbil mat-talba Afgana;

31. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa vitali li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta’ koordinazzjoni bejn il-pajjiżi donaturi internazzjonali u li jiġu previsti evalwazzjonijet iddettaljati tal-għajnuna Ewropea u dik internazzjonali għall-ġlieda kontra n-nuqqas ta’ trasparenza u l-mekkaniżmi limitati għar-responsabilità tad-donaturi;

32. Jikkundanna l-fatt li proporzjon sinifikanti ta’ għajnuna finanzjarja Ewropea u internazzjonali ntilef matul il-katina tad-distribuzzjoni – sitwazzjoni li nkixfet b’mod drastiku fl-iskandlu reċenti li jikkonċerna l-Bank ta’ Kabul, u jiġbed l-attenzjoni għall-erba’ raġunijiet li jwasslu għal dan: il-ħela, l-ispejjeż eċċessivi intermedjarji u ta’ sigurtà, il-kontijiet għoljin ħafna u l-korruzzjoni;

33. Jinnota, madankollu, li t-telf tal-UE huwa mmitigat minħabba l-fatt li 50 % tal-għajnuna tal-Unjoni huwa allokat permezz ta’ Fondi Fiduċjarji (meta jitqabbel ma’ 10 % fil-każ tal-għajnuna Amerikana), li r-rata tal-effiċjenza tagħhom hija għolja ħafna (madwar 80 %);

34. Jistieden lill-UE twaqqaf bażi tad-data ċentralizzata u tanalizza l-ispejjeż u l-impatt tal-għajnuna kollha li tasal mill-UE, billi n-nuqqas ta’ data komprensiva, aġġornata u trasparenti ddgħajjef l-effiċjenza tal-għajnuna;

35. Jistieden ukoll lill-korpi kollha attivi umanitarji u għall-iżvilupp ewlenin fl-Afganistan inkluża l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-Istati Uniti, l-UNAMA, l-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi ewlenin u l-Bank Dinji, biex inaqqsu drastikament l-ispejjeż operattivi tagħhom billi jallokaw il-fondi għal proġetti konkreti implimentati fi sħubija vera u bbilanċjata ma’ istituzzjonijiet Afgani, u biex jiżguraw li l-għajnuna tilħaq fil-fatt l-għan tagħha; jenfasizza f’dan ir-rigward li l-istituzzjonijiet Afgani għandu jkollhom id-dritt li jiddeċiedu dwar l-użu tal-fondi, filwaqt li jiżguraw it-trasparenza u r-responsabilità;

36. Jenfasizza l-importanza li l-isforzi tar-rikostruzzjoni u tal-iżvilupp jiġu kkoordinati fil-livell reġjonali sabiex jiġi promoss l-iżvilupp transkonfinali f’reġjun fejn ir-rabtiet etniċi u tribali ta’ spiss jisbqu l-fruntieri nazzjonali;

37. Jinnota li żieda fl-involviment tal-gvernijiet lokali u reġjonali Afgani għandha tiġi promossa, u jenfasizza li, f’dan il-livell, il-lealtà, l-istat tad-dritt u d-demokrazija huma importanti ħafna għall-użu xieraq tal-fondi; jinnota li l-allokazzjoni ta’ fondi f’livell lokali u reġjonali tkun teħtieġ l-approvazzjoni tal-Gvern ċentrali, biex hekk jitjiebu r-rwol u r-responsabilità tiegħu;

38. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u s-Sigurtà, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jwaqqfu tim ta’ riċerkaturi bejniethom biex jevalwaw il-miżuri u l-missjonijiet kollha tal-UE u l-Istati Membri fl-Afganistan darba fis-sena billi juża indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi speċjalment fejn tidħol l-għajnuna għall-iżvilupp (inklużi s-saħħa pubblika u l-agrikoltura), governanza effettiva (inklużi s-settur tal-ġustizzja u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem), u s-sigurtà (speċjalment it-taħriġ tal-pulizija Afgana); jitlob ukoll, f’dan il-kuntest, li ssir evalwazzjoni tal-impatt relattiv tal-miżuri tal-UE fuq is-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż u tal-livell ta’ koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn il-korpi tal-UE u missjonijiet u miżuri internazzjonali oħra, u biex jiġu ppubblikati r-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet ta’ tali evalwazzjoni;

39. Jenfasizza li s-sitwazzjoni tas-sigurtà u l-allokazzjoni ġeografika tal-miżuri ta’ għajnuna huma interdipendenti, u għaldaqstant jitlob li l-għajnuna għall-Afganistan għandha titwassal b’mod dirett lill-popolazzjoni milquta direttament;

40. Jenfasizza li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-Afganistan għandha tkun ta’ prijorità; jirrikonoxxi li l-eżistenza tal-korruzzjoni lokali iżda jittama li din tiġi miġġielda permezz tat-tisħiħ fil-leġittimità tal-istituzzjonijiet tal-istat Afgan billi jsiru responsabbli għall-approvazzjoni tal-allokazzjoni tal-fondi u jiġu żgurati l-effikaċja tal-għajnuna;

41. Jappoġġa politika ta' żieda fl-akkwist fi ħdan l-Afganistan stess meta jkun possibbli minflok jiġu importati l-prodotti u s-servizzi;

42. Huwa tal-opinjoni li entitajiet umanitarji imparzjali għandhom ikunu responsabbli għat-tqassim tal-għajnuna fil-pajjiż u li persunal militari għandu jkun involut biss f'ċirkostanzi għal kollox eċċezzjonali, b'rikonoxximent għan-natura newtrali, imparzjali u indipendenti tax-xogħol tal-entitajiet umanitarji u b'konformità sħiħa mal-istandards internazzjonali relevanti, kif kodifikati fil-"Linjigwida dwar l-Użu tal-Assi Militari u tad-Difiża Ċivili f'Emerġenzi Umanitarji" (MCDA) u appoġġati fil-Konsensus Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja;

43. Jinnota li kull attakk ipperċepit fuq il-prinċipju tan-newtralità, tal-imparzjalità u tal-indipendenza minn tali korpi matul il-ħidma tagħhom jagħmluhom aktar vulnerabbli fil-post, b'mod partikulari minħabba li dawn jibqgħu preżenti fil-post għal ħafna żmien wara li t-truppi tan-NATO jkunu rtiraw;

44. Jinnota li, hekk kif ġie rrappurtat ħafna fl-istampa u fir-rapport tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Istati Uniti "Warlord, Inc.", il-militari tal-Istati Uniti fl-Afganistan taw il-maggoranza tal-loġistika tagħhom lill-kuntratturi privati, li min-naħa tagħhom issottokuntrattaw il-protezzjoni tal-konvojs militarji lill-fornituri tas-sigurtà Afgana, b'konsegwenzi diżastrużi;

45. Jinnota li d-deċiżjoni li l-katina ta' provvista militari tal-Istati Uniti tingħata f'idejn privati mingħajr ebda kriterju ta' fiduċja għall-assigurazjoni ta' kontabilità, trasparenza u legalità qed tkompli żżid l-estorsjoni u l-korruzzjoni, hekk kif kmandanti militari, kapijiet tal-mafja lokali u fl-aħħarnett kmandanti Talibani jispiċċaw jieħdu sehem sinifikanti ta' USD 2.2-3 biljun negozju ta' loġistika militari fl-Afganistan;

46. Huwa xxukkjat bil-fatt li l-flus tal-protezzjoni u l-estorsjoni f'kull livell tal-katina tal-provvista militari jikkostitwixxu s-sors l-aktar sinifikanti tal-iffinanzjar għar-ribelljoni, hekk kif irrikonoxxut mis-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti Hillary Clinton fid-dikjarazzjoni tagħha quddiem il-Kumitat għar-Relazzjonijiet Barranin tas-Senat 2009;

47. Huwa xxukkjat ukoll bil-fatt li, minħabba li l-loġistika militari tal-Istati Uniti u tan-NATO/ISAF jimxu fuq linji simili, it-traċċabilità kompleta tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE tista' wkoll ma tkunx garantita għal kollox fil-każi kollha;

48. Jilqa' kompletament il-linji gwida l-ġodda maħruġa f'Settembru 2010 mill-kmand militari tan-NATO fl-Afganistan dwar il-kuntratti – li bħalissa huma stmati li jiswew madwar USD 14-il biljun fis-sena – bil-għan li titnaqqas il-korruzzjoni u jonqsu l-fondi li b'mod indirett jgħaddu għand ir-ribelli u t-Talibani; jittama li din il-bidla ta' orjentament fil-politika tal-kuntratti tkun implimentata malajr;

49. Jilqa', f'dan il-kuntest, id-digriet riċenti mill-President Karzai li jagħti erba' xhur żmien lill-kumpaniji privati kollha tas-sigurtà lokali u barranin fl-Afganistan biex jieqfu joperaw;

### *Il-proċess tal-paċi*

50. Jenfasizza li governanza effettiva, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem huma l-pedament għal Afganistan stabbli u prosperu; Jenfasizza, għaldaqstant, għalhekk li proċess ta' ġustizzja kredibbli huwa aspett fundamentali tal-proċess għall-paċi u li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prevenzjoni tal-firxa ta' impunità għandhom ikunu aspetti mhux negozjabbli fl-istadji kollha tal-proċess ta' paċi; jistieden f'dal-każ lill-Gvern Afgan biex jimplimenta strateġija ta' riforma ġudizzjali bħala kwistjoni ta' prijorità;

51. Jemmen li ħafna mit-tort tal-imblokk attwali fl-Afganistan lġej minħabba l-kalkoli ħżiena li saru qabel l-istrateġija l-ġdida kontra r-ribelljoni mill-forzi tal-koalizzjoni li pprevedew rebħa militari bil-ħeffa fuq it-Talibani u tranżizzjoni faċli għal pajjiż stabbli mmexxi minn gvern leġittimu b'sostenn b'saħħtu mill-Punent;

52. Jemmen, konsegwentement, li l-preżenza tas-saħħa tat-Talibani ġiet sottovalutata u l-abilità tal-gvern ta' Karzai li jipprovdi governanza ġiet stmata żżejjed, u li, minħabba dan, il-ħidma tal-bini mill-ġdid u l-iżvilupp tal-pajjiż ftit ingħataw attenzjoni;

53. Jibża' li dawn l-iżbalji saħħu l-qawmien mill-ġdid tat-Talibani f'aktar minn nofs il-pajjiż, filwaqt li aggravaw id-deterjorament fis-sigurtà fil-pajjiż kollu u fir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari dawk tan-nisa;

54. Jindika li l-fokus militari tal-passat ma kisibx ir-riżultati mixtieqa, u għalhekk jappoġġa bil-qawwa kollha approċċ aktar ċivili;

55. Jirrikonoxxi li l-unika soluzzjoni possibbli hija waħda politika u li din għandha tinkludi n-negozjati mat-Talibani u mal-bqija tal-atturi politiċi tal-pajjiż – li eventwalment għandhom isiru fil-kuntest ta' waqfien mill-ġlied – huma fil-qalba tas-suċċess ta' dan il-proċess, bil-għan li jiġi ffurmat gvern ta' unità nazzjonali li jġib fit-tmiem il-gwerra ċivili li ilha sejra fil-pajjiż għal kważi tletin sena u billi jiġi żgurat rispett sħiħ għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem; jemmen li, sabiex tinstab soluzzjoni politika, il-politika ġdida kontra r-ribelljoni trid tingħata ż-żmien biex tirnexxi skont l-iskeda mħabbra mill-President Obama;

56. Jemmen bis-sħiħ li t-tliet prerekwiżiti ewlenin tal-UE għal tali proċess ta' paċi u l-involviment ta' gruppi Talibani għandhom ikunu l-impenn min-naħa tal-partijiet kollha involuti fin-negozjati li jkeċċu lill-Al Qaeda mill-pajjiż flimkien mal-promozzjoni tagħha ta' terroriżmu internazzjonali, kif ukoll kwalunkwe grupp terroristiku; sabiex tittieħed azzjoni biex tiġi eliminata l-kultivazzjoni tal-perprin; u sabiex tiġi stabbilita politika ta' promozzjoni u rispett għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-Kostituzzjoni Afgana;

57. Jemmen ukoll li l-kwistjonijiet l-oħra kollha għandhom jitħallew għar-rieda u l-kapaċità tal-poplu Afgan innifsu;

58. Jirrikonoxxi li t-Taliban mhuwiex entità uniformi unika u li hemm minn tal-anqas 33 mexxej ewlieni, 820 mexxej ta' livell medju/żagħżugħ, u bejn 25 000 u 36 000 "ġellied" imxerred fost 220 komunità, li wħud minnhom qed jiġġieldu għall-ideoloġija, u oħrajn għal finijiet ta' flus; jemmen għalhekk, li minn issa 'l quddiem għandhom jinkoraġġixxu negozjati fuq livell lokali bejn il-gvern lokali elett demokratikament u membri armati tal-oppożizzjoni "li jikkundannaw il-vjolenza, m'għandhoml-ebda konnessjoni ma' organizzazzjonijiet terroristiċi internazzjonali, jirrispettaw il-Kostituzzjoni u lesti li jingħaqdu fil-bini ta' Afganistan bla ġlied", skont paragrafi 13 u 14 tal-komunikat ta' Kabul tal-20 ta' Lulju 2010;

59. Jilqa' l-Programm ta' Paċi u Riintegrazzjoni tal-Gvern Afgan, li hu miftuħ għall-membri Afgani kollha armati tal-oppożizzjoni u l-komunitajiet tagħhom fuq il-bażi tal-paragrafi 13 u 14 tal-communiqué msemmija hawn fuq;

60. Jinnota li kwalunkwe strateġija ta' diżarmament u riintegrazzjoni għandha tqis mill-qrib il-problema tar-ritorn tal-ex-ġellieda u r-refuġjati lejn il-villaġġi ta' oriġini tagħhom;

61. Jenfasizza l-importanza li l-Gvern Afgan u l-amministrazzjoni tiegħu jkabbru l-kredibilità, ir-responsabilità u l-kompetenza tagħhom, sabiex titjieb ir-reputazzjoni tiegħu fost iċ-ċittadini tiegħu stess;

62. Jenfasizza r-rwol ewlieni tal-Pakistan, ladarba m'hemm ebda inċentiv għat-Talibani sabiex jieħdu n-negozjati bis-serjetà sakemm il-konfini Pakistani jibqgħu miftuħa għalihom; jirrakkomanda koordinazzjoni u involviment internazzjonali usa' fil-proċess, li wkoll jinkludu pajjiżi oħra ġirien u atturi reġjonali prominenti – partikularment l-Iran, it-Turkija, iċ-Ċina, l-Indja, u l-Federazzjoni Russa;

63. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-implikazzjonijiet strateġiċi u politiċi tal-għargħar diżastrużi ta' dan l-aħħar fil-Pakistan għall-Afganistan u r-reġjuni ta' madwar, u biex jittieħed kull pass meħtieġ biex tingħata għajnuna lill-popolazzjoni milquta tal-pajjiż u lir-refuġjati Afgani li nqerdulhom il-kampijiet bl-għargħar;

64. Jenfasizza l-importanza tal-immaniġġjar tal-ilma tajjeb għax-xorb fl-Afganistan u fil-pajjiżi tal-madwar u jiġbed l-attenzjoni għall-benefiċċji tal-kooperazzjoni reġjonali u transkonfinali f'dan il-qasam, *inter alia* f'termini ta' bini ta' fiduċja fost il-ġirien fil-Lbiċ tal-Asja;

65. Jinnota l-involviment tas-Servizz ta' Intelliġenza Pakistana (ISI), li għandu l-intenzjoni li jiżgura riżultat sodisfaċenti għall-Pakistan ukoll minn kull ftehim ta' paċi;

66. Jenfasizza madankollu li sabiex il-paċi tieħu l-għeruq fl-Afganistan jeħtieġ li jsiru negozjati politiċi bejn qawwiet reġjonali prominenti, inklużi l-Indja, il-Pakistan, l-Iran, l-Istati Ċentrali tal-Asja, ir-Russja, iċ-Ċina, it-Turkija, u pożizzjoni komuni ta' nuqqas ta' interferenza u appoġġ għall-Afganistan indipendenti; Jitlob, ukoll, għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Afganistan u l-Pakistan, jiġifieri permezz ta' ftehim finali dwar il-kwistjoni tal-fruntiera internazzjonali bejn iż-żewġ pajjiżi;

67. Jistieden lill-UE tkompli tappoġġa l-proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni fl-Afganistan kif ukoll l-isforzi Afgani biex jintegraw mill-ġdid lil dawk li lesti jikkundannaw il-vjolenza, u jagħtu lill-Gvern Karzai biżżejjed flessibilità fl-għażla tiegħu tal-imsieħba tad-djalogu, iżda jinsisti li l-Kostituzzjoni Afgana u r-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem jiffurmaw il-qafas legali u politiku sħiħ għall-proċess ta' paċi;

68. Jilqa' l-Programmi ta' Prijorità Nazzjonali, ppreparati mill-Gvern Afgan skont l-istrateġija għall-Iżvilupp Nazzjonali tal-Afganistan u appoġġati mill-Konferenza ta' Kabul, u jitlob l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom;

69. Ma jistax jisħaq biżżejjed fuq il-ħtieġa ta' rwol aktar attiv tal-UE fir-rikostruzzjoni u l-iżvilupp tal-Afganistan, minħabba li ebda paċi dejjiema fil-pajjiż stess u fir-reġjun kollu mhija possibbli mingħajr tnaqqis sinifikanti fil-faqar u l-iżvilupp sostenibbli; jirrikonoxxi li ma hemmx żvilupp mingħajr sigurtà, bħalma m'hemmx sigurtà mingħajr żvilupp;

70. Iħeġġeġ lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jaħdmu aktar mal-Istati Uniti biex aktar sforzi ta' għajnuna internazzjonali tgħaddi mill-awtoritajiet domestiċi u l-Gvern tal-Kabul; u biex tiżgura li inġenji tal-arja mingħajr pilota, forzi speċjali u milizzja lokali kontra l-mexxejja tat-Taliban jintużaw skont l-ordnijiet tal-Ġeneral Petraeus għal tolleranza żero għat-telf ta' ħajja ta' persuni ċivili innoċenti;

71. Jagħti ġieħ lin-nies tas-servizz irġiel u nisa tal-Forzi Alleati kollha li tilfu ħajjithom biex jiddefendu l-libertà, u jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tagħhom, kif ukoll lill-familji tal-vittmi innoċenti Afgani kollha;

72. Jinnota li l-preżenza militari ta' xi wħud mill-Istati Membri tal-UE u l-alleati tagħhom fl-Afganistan tagħmel parti mill-operazzjoni tan-NATO/l-ISAF u l-għanijiet tagħha li tiġġieled it-theddida ta' terroriżmu internazzjonali u tindirizza l-kultivazzjoni u t-traffikar tad-droga;

73. Jenfasizza li din il-preżenza tista' tgħin biex jinħolqu l-kundizzjonijiet tas-sigurtà li jkunu jippermettu pjanijiet riċenti tal-Gvern Afgan biex jisfrutta l-potenzjal tal-pajjiż tal-industrija kbira tal-minjieri u l-minerali tiegħu u titpoġġa fil-prattika, b'hekk jipprovdiha bir-riżorsi tagħha stess li huma bżonjużi ħafna għall-baġit nazzjonali;

74. Jenfasizza li r-riżorsi potenzjalment vasti tal-minjieri u r-riżorsi minerali f'territorju Afgan jappartjenu għall-poplu tal-Afganistan, u li l-"protezzjoni" ta' dawn l-assi ma tista' qatt tiġi użata bħala skuża għall-preżenza permanenti ta' truppi barranin f'art Afgana;

### *Il-pulizija u l-istat tad-dritt*

75. Jinnota li ma jistax ikun hemm stabilità jew paċi fl-Afganistan mingħajr ma' qabel xejn tiġi ggarantita s-sigurtà għaċ-ċittadini tiegħu fir-responsabilità tiegħu stess;

76. Jilqa' l-għan tal-President Karzai, li sal-aħħar tal-2014, l-Forzi tas-Sigurtà Nazzjonali Afgani biss għandhom imexxu u jwettqu operazzjonijiet militari fil-provinċji kollha, kif ukoll l-impenn tal-Gvern Afgan għal eżerċizzju f'fażijiet ta' awtorità sħiħa fuq is-sigurtà tiegħu nnifsu;

77. Jenfasizza li l-Afganistan għandu jingħata forza effiċjenti tal-pulizija u armata awtonoma kapaċi jassiguraw sigurtà li tippermetti l-irtirar sussegwenti ta' preżenza militari barranija mill-pajjiż;

78. Ifaħħar l-idea tal-Ġeneral Petraeus li awtoritajiet lokali eletti demokratikament jistgħu jitqabblu ma' ġendarmerija lokali biex tinżamm il-liġi u l-ordni u tkun protetta l-popolazzjoni lokali;

79. Jirrikonoxxi, madankollu, li wieħed ikollu forzi tas-sigurtà li jsostnu lilhom innfushom huwa għan mifrux fuq perjodu twil ta' żmien u għaldaqstant jiġbed attenzjoni partikolari dwar il-ħtieġa għal approċċ aktar koordinat u integrat fit-taħriġ tal-pulizija, kif ukoll, b'mod separat, fit-taħriġ tal-uffiċjali tal-armata, u jiġbed l-attenzjoni rigwrd l-iffinanzjar li qed jiġi investit fit-taħriġ tal-pulizija b'riżultati limitati; jistieden lil dawk kollha involuti fil-koordinazzjoni ta' ħidma mill-qrib biex tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn u biex iwettqu kompiti kumplimentari f'livelli strateġiċi u operazzjonali;

80. Jenfasizza l-ħtieġa ta' riforma estensiva tal-Ministeru għall-Intern, li mingħajrha jista' jkun li jfallu l-isforzi għal riforma u ristrutturazzjoni tal-pulizija, u f'dan il-kuntest jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tas-sorveljanza, tal-appoġġ, tal-konsulenza, u tat-taħriġ fil-livell tal-Ministeru għall-Intern tal-Afganistan kif ukoll f'dak reġjonali u provinċjali, li ġew stabbiliti bħala għan ieħor tal-EUPOL;

81. Jemmen li n-nuqqas ta' ċarezza dwar l-ambitu ta' kompetenza li ma tistax tiġi miċħuda tal-EURPOL u l-inċertezza tal-kisbiet tiegħu sal-lum il-ġurnata jwaqqfuh milli tikseb ir-rwol ewlieni li tant jistħoqqilha; jikkundanna l-fatt li tliet snin wara l-mobilizzazzjoni tal-EUPOL għadu lanqas laħaq 3/4 tas-saħħa awtorizzata tiegħu; u jtenni t-talba tiegħu lill-Kunsill u lill-Istati Membri tal-UE biex jonoraw bis-sħiħ l-impenn tagħhom lejn din il-missjoni;

82. Jilqa' t-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Kontra l-Korruzzjoni mill-EUPOL tal-Afganistan bil-għan li jiġu investigati każijiet kontra uffiċjali pubbliċi ta' profil għoli u uffiċjali oħra suspettati bil-korruzzjoni;

83. Jinsab imħasseb dwar sorsi tal-ISAF, li skonthom 90 % minn 94 000 raġel fil-Pulizija Nazzjonali Afgana huma illitterati, 20 % jieħdu d-droga, u aktar minn 30 % għebu wara sena, mingħajr ma nsemmu madwar 1 000 pulizija maqtula matul is-servizz tagħhom kull sena;

84. Jemmen li l-fatturi ewlenin tal-ineffikaċja globali tat-taħriġ huma l-koordinazzjoni insuffiċjenti tad-diversi aspetti tat-taħriġ tal-pulizija u l-prattika tat-trasferiment tad-doveri lejn kumpaniji privati militari u tas-sigurtà (PMSC);

85. Jinnota li l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħhom għall-ħolqien ta' forza tal-pulizija professjonali Afgana għandu r-riskju li jkun kompromess bil-prevalenza ta' prattiki bħal approċċ "imħaffef" (kontroll fqir tar-rekluti, sitt ġimgħat ta' taħriġ mingħajr kotba akkademiċi minħabba l-illetteriżmu ta' min qiegħed jitħarreġ, taħriġ minimu fuq il-post, ir-rekluti jingħatawlhom beġġ, uniformi u pistola u jintbagħtu jagħmlu r-ronda) implimentat minn ftit kumpaniji kbar tas-sigurtà tal-Istati Uniti; jenfasizza l-ħtieġa għal taħriġ tal-pulizija aktar koerenti u sostenibbli sabiex forzi differenti tal-pulizija Afgana jkunu kapaċi jaħdmu flimkien; jenfasizza li missjonijiet tat-taħriġ tal-pulizija m'għandhomx jiffokaw biss fuq aspetti tekniċi iżda jridu jiggarantixxu li r-rekluti jkunu jafu jiktbu u jaqraw u jingħatalhom għarfien bażiku tal-liġi nazzjonali u internazzjonali;

86. Huwa mfixkel li jinnota l-kontrolli finanzjarji foqra li qed jiġu applikati fuq dawn il-kumpaniji privati, u jikkwota r-rapport konġunt tal-2006 tad-Difiża tal-Istati Uniti u d-Dipartiment tal-Istat, li s-sejbiet tagħhom għadhom validi sal-lum, li sabu li l-forza tal-pulizija fl-Afganistan ma kinitx kapaċi tagħmel xogħol ta' infurzar tal-liġi fuq bażi regolari u li ebda programm effettiv ta' taħriġ fuq il-post ma kien jeżisti; jirrikonoxxi t-tentattivi mill-kmand ġenerali u skont il-politika ta' kontra r-ribelljoni sabiex jeżerċita ammont ta' kontroll fuq il-milizzji privati barranin li qed joperaw b'impunità fl-Afganistan;

87. Jirrakkomanda li t-taħriġ tal-pulizija mill-aktar fis possibbli m'għandux jibqa' jsir minn kuntratturi privati;

**Il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010**

88. Jitlob għal koperazzjoni u koordinazzjoni internazzjonali mtejbin biex jiżdiedu l-kapaċitajiet tat-taħriġ tal-pulizija u sabiex titjieb aktar l-effettività ta' programmi ta' taħriġ; jipproponi li programmi ta' taħriġ fuq skala kbira jitniedu mill-EUPOL u NATO/l-ISAF flimkien billi jinkorporaw l-unitajiet tal-pulizija nazzjonali kif miftiehem mal-Gvern Afgan u b'hekk jiġu eliminati d-duplikazzjonijiet, il-ħela u l-frammentazzjoni;

89. Iħeġġeġ lir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u tas-Sigurtà u lill-Istati Membri tal-UE biex jintensifikaw it-taħriġ tal-pulizija fl-Afganistan u biex ikabbru b'mod sinifikanti n-numru ta' dawk li jħarrġu lill-pulizija fil-post sabiex l-għan tal-Konferenza ta' Londra li sal-aħħar tal-2011 in-numru ta' pulizija Afgani mħarrġa jilħaq 134 000 isir sitwazzjoni realistika; iħeġġeġ lir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u tas-Sigurtà jemenda l-missjoni EUPOL tal-Afganistan billi jordna wkoll taħriġ għall-persunal ta' grad baxx fil-provinċji kollha, billi jiżdied in-numru ta' ġimgħat iddedikati għat-taħriġ, u billi rondi u attivitajiet oħra tal-pulizija jsiru flimkien fil-post tat-taħriġ; iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE mhux biss biex jinkorporaw il-missjoni bilaterali tagħhom ta' taħriġ tal-pulizija mal-EUPOL iżda wkoll biex jieqfu milli jimponu twiddib lill-pulizija nazzjonali mobilizzati fl-EUPOL;

90. Jirrakkomanda li s-salarji għall-pulizija Afgana jiżdiedu u li l-proċess kollu tar-reklutaġġ jiġi rivedut, filwaqt li tingħata preferenza lill-persuni bi standards bażiċi ta' ħila fil-qari u l-kitba, li ma jiħdux droga u li jiġu kwalifikati aħjar fuq bażi psikoloġika u fiżika mill-grupp attwali;

91. Jenfasizza li t-taħriġ tal-pulizija ma jistax ikollu effett jekk il-ġudikatura ma tiffunzjonax tajjeb u għalhekk jistieden lill-komunità internazzjonali biex tipprovdi aktar għajnuna finanzjarja u teknika biex tissaħħaħ is-sistema ġudizzjali, ukoll billi jiżdied is-salarju tal-imħallfin fil-livelli kollha; barra minn hekk jitlob lill-Kunsill iwaqqaf, b'koordinazzjoni man-NU, missjoni speċjalizzata biex tħarreġ l-imħallfin kif ukoll uffiċjali pubbliċi fil-Ministeru tal-Ġustizzja u fis-sistema penali fl-Afganistan;

92. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Gvern Afgan wiegħed fil-Konferenza ta' Kabul li jtejjeb, bil-għajnuna ta' sħab internazzjonali, l-aċċess għall-ksib tal-ġustizzja fil-pajjiż billi jimplimenta miżuri konkreti matul it-12-il xahar li ġejjin, kif ukoll il-kapaċità ta' istituzzjonijiet ġudizzjali, inkluż permezz ta' tfassil u implimentazzjoni ta' strateġija komprensiva ta' riżorsi umani;

***Narkotiċi***

93. Jinnota li l-Afganistan huwa s-sors ta' 90 % tal-oppju illeċitu, u minkejja dan meta l-forzi ta' koalizzjoni daħlu f'Kabul fl-2001, ma kienx hemm tkabbir ta' peprin fl-Afganistan bis-saħħa tas-suċċess li n-Nazzjonijiet Uniti kellha meta ġiegħlu lit-Talibani jimponu l-projbizzjoni tal-kultivazzjoni tal-peprini;

94. Jemmen li forza militari kbira u li għandha r-riżorsi għandha, sussegwentement, issibha aktar faċli biex issostni din is-sitwazzjoni mingħajr oppju permezz tal-proġetti għall-iżvilupp tal-agrikoltura lokali, protetta mit-truppi tagħha kontra t-Talibani u kmandanti militari lokali;

95. Jinnota, madankollu, li l-produzzjoni tal-oppju għadha kwistjoni soċjali, ekonomika u ta' sigurtà prominenti, u jistieden lill-UE tqis dan bħala prijorità strateġika fil-politiki tagħha rigward l-Afganistan;

96. Ifakkar li l-Afganistan jipproduċi 90 % tal-produzzjoni dinjija tal-oppju u li l-ispiża ta' dan għas-saħħa pubblika fil-pajjiżi Ewropej tilħaq il-biljuni ta' dollari; Jenfasizza li l-isfidi li ġġib magħha l-ekonomija tad-drogi fl-Afganistan għandhom jiġu trattati mhux biss fil-livell nazzjonali iżda wkoll internazzjonali billi jiġu indirizzati r-rabtiet kollha tal-katina tad-droga, li teħtieġ b'mod partikulari għajnuna lill-bdiewa biex inaqqsu l-provvista, kif ukoll il-prevenzjoni tad-droga u t-trattament biex titnaqqas id-domanda, u l-infurzar tal-liġi kontra l-intermedjarji; Jissuġġerixxi, partikularment, li jkun hemm investiment kbir fit-twaqqif ta' politika agrikola u rurali globali li tkun tista' toffri alternattiva kredibbli u fit-tul għall-produtturi tal-oppju; jisħaq ukoll dwar il-bżonn li l-ambjent jiġi integrat fl-istrateġija agrikola u rurali minħabba li d-degradazzjoni tal-ambjent, ikkawżata pereżempju minħabba ġestjoni ħażina tar-riżorsi tal-ilma jew il-qerda tal-foresti naturali, hija waħda mill-ostakli għall-iżvilupp tal-ekonomija agrikola;

97. Jinnota li, b'riżultat tal-impunità mogħtija lil min ikabbar u t-traffikanti, fi żmien sentejn il-kultivazzjoni laħqet il-livell ta' qabel l-2001, b'numru żgħir ta' kmandanti militari b'saħħtithom imexxu konsorzju enormi;

98. Jesprimi tħassib kbir fir-rigward taż-żieda qawwija fin-numri ta' Afgani dipendenti mid-droga, skont ir-rapport riċenti tal-UNODC; jitlob li jittieħdu miżuri mmirati biex jitnaqqas in-numru ta' persuni dipendenti mid-droga u tiġi pprovduta kura medika għal dawn; b'dan f'moħħu, jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati programmi biex jitwaqqfu ċentri ta' riabilitazzjoni fil-pajjiż, b'mod partikolari f'dawk iż-żoni li m'għandhomx aċċess għall-kura medika;

99. Jinnota li, minkejja ċaqliq bikri fil-prezzijiet ikkawżat minn produzzjoni eċċessiva, fl-2009 il-kummerċ tan-narkotiċi ammonta għal USD 3.4 biljun u l-valur potenzjali tal-esportazzjoni grossa tal-oppju laħaq 26 % tal-PGD tal-Afganistan, b'madwar 3.4 miljun Afgan (12 % tal-popolazzjoni) involuti fl-industrija tan-narkotiċi;

100. Jiġbed l-attenzjoni, madankollu, għas-sejbiet ta' rapport UNODC reċenti, fejn it-Talibani qabdu 4 % biss tal-kummerċ annwali tan-narkotiċi, u 21 % tal-bdiewa lokali, b'75 % jmorru għand l-uffiċjali tal-gvern, il-pulizija, is-sensara lokali u reġjonali u t-traffikanti; Jinnota, fil-qasir, li l-alleati tan-NATO fil-fatt qed jiksbu l-parti l-kbira tal-profitti mill-kummerċ tad-droga;

101. Jinnota li bejn l-2001 u l-2009 l-Istati Uniti u l-komunità internazzjonali nefqu USD 1.61 biljun fuq miżuri kontra n-narkotiċi mingħajr ma kellhom impatt sinifikanti fuq il-produzzjoni u t-traffikar u jfakkar li Richard Holbrooke, Rappreżentant Speċjali għall-Istati Uniti għall-Afganistan u l-Pakistan, jiddeskrivi l-isforzi tal-Istati Uniti kontra n-narkotiċi sal-lum il-ġurnata bħala 'l-aktar programm ta' ħela u bla effett li qatt rajt mill-gvern u 'l barra minnu';

102. Jindika li, sakemm id-dipendenza tal-ekonomija Afgana tispiċċa darba għal dejjem u jinstab mudell ta' tkabbir ekonomiku alternattiv u vijabbli, mhumiex se jintlaħqu l-għanijiet biex jerġa' jkun hemm is-sigurtà u l-istabilità fir-reġjun;

103. Jenfasizza l-importanza ta' sforzi biex gradwalment tiġi fi tmiemha l-kultivazzjoni tal-oppju fl-Afganistan, li s'issa kellhom suċċess żgħir ħafna - u jitlob, f'dan il-kuntest li jinħolqu possibilitajiet ta' ġestjoni tal-art u possibilitajiet oħra ta' għajxien alternattiv vijabbli għal 3.4 miljun Afgan li jaqilgħu l-għajxien tagħhom mill-oppju, u sabiex ikun hemm titjib fis-sitwazzjoni tal-kumplament tal-popolazzjoni rurali;

104. Jinnota tentattivi b'suċċess sabiex tiġi fi tmiemha l-kultivazzjoni tal-oppju fil-Pakistan, il-Laos u t-Tajlandja permezz tas-sostituzzjoni tiegħu b'uċuħ tar-raba' alternattivi; jinnota wkoll id-dehra fl-Afganistan ta' wċuħ tar-raba' ġodda, bħalma huwa ż-żagħfran, li jista' jrendi dħul ħafna akbar minn dak tal-peprin tal-oppju;

105. Jinnota li proċessi simili tal-eliminazzjoni tal-kultivazzjoni tal-peprin jista' jiġi previst għall-Afganistan bi spiża ta' EUR 100 miljun fis-sena billi jiġu allokati speċifikament 10 % tal-għajnuna annwali tal-UE għall-pajjiż għal perjodu ta' ħames snin;

106. Jinnota li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Ġarr tal-Merkanzija bejn l-Afganistan u l-Pakistan iffirmat dan l-aħħar se jiftaħ triq għall-produtturi tar-rummien, l-aktar prodott legali magħruf fiż-żona, u li kemm-il darba ssemma minn ħaddiema tal-iżvilupp barrani bħala l-muftieħ għall-ħolqien ta' għajxien diċenti alternattiv għal dawk li jkabbru l-peprin fin-naħa t'isfel tal-Afganistan

107. Ifaħħar lill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Droga u l-Kriminalità (UNODC) biex bix-xogħol attiv tiegħu jgħin lill-Gvern tal-Afganistan fil-ġlieda tiegħu kontra d-drogi illegali, u jappella għat-tisħiħ tal-UNODC u l-programmi tiegħu fl-Afganistan;

108. Jitlob li jsir pjan nazzjonali ta' ħames snin għall-eliminazzjoni ta' wċuħ tar-raba' illeċiti tal-oppju, b'data ta' skadenza u data ta' referenza speċifika, li għandu jiġi implimentat permezz ta' uffiċċji ddedikati, bil-baġit u l-istaff tagħhom stess;

109. Jenfasizza li dan il-pjan għandu jiġi promoss permezz tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Federazzjoni Russa, din tal-aħħar hija l-vittma ewlenija tal-eroina Afgana u t-tieni l-akbar suq dinji tal-oppju wara l-UE;

110. Jistieden lill-Gvern u l-Parlament Afgan biex jgħaddi leġiżlazzjoni speċifika li għandha l-għan li tipprojbixxi l-prattiki kollha ta' qerda li jistgħu jinvolvu l-użu ta' mezzi mhux manwali u mhux mekkaniċi;

111. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jinkorporaw bis-sħiħ din l-istrateġija proposta fl-istrateġiji eżistenti tagħhom, u jħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE biex jikkunsidraw bis-sħiħ il-proposta fi ħdan il-pjanijiet nazzjonali tagħhom stess;

112. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni tikkunsidra bis-sħiħ l-implikazzjonijiet baġitarji tal-proposti li hawn f'dan ir-rapport;

*

* *

113. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO, u l-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u lir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan.

---

## L-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kriżi permanenti biex jissalvagwardja l-istabilità finanzjarja taż-żona tal-euro

P7_TA(2010)0491

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2010 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu permanenti għall-kriżijiet biex tiġi protetta l-istabilità finanzjarja taż-żona tal-euro**

(2012/C 169 E/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 121,122, 126, 136 u 148 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem TFUE),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2010 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-Immaniġġjar Transkonfinali tal-Kriżijiet fis-Settur Bankarju [1] (minn hawn 'il quddiem "ir-Rapport Ferreira"),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-Faċilità Ewropea għall-Istabbiltà Finanzjarja u Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja u azzjonijiet futuri [2],

— wara li kkunsidra l-mistoqsija tal-24 ta' Ġunju 2010 lill-Kummissjoni dwar il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja u azzjonijiet futuri [3],

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 479/2009 dwar il-kwalità tad-dejta tal-istatistika fil-kuntest ta' proċedura ta' żbilanċ eċċessiv [4],

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Bankarja Ewropea [5] (minn hawn 'il quddiem "ir-Rapport Garcia-Margallo"),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar it-titjib tal-governanza ekonomika u tal-qafas ta' stabilità tal-Unjoni, b'mod partikolari fiż-żona tal-euro [6] (minn hawn 'il quddiem "ir-Rapport Feio"),

(1) Testi Adottati, P7_TA(2010)0276.
(2) Testi Adottati, P7_TA(2010)0277.
(3) Mistoqsija orali 0095/2010.
(4) Testi Adottati, P7_TA(2010)0253.
(5) Testi Adottati, P7_TA(2010)0337.
(6) Testi Adottati, P7_TA(2010)0377.